MT

KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 21.2.2007
KUMM(2007) 65 finali

-

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL, LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

# Strateġija Annwali tal-Politika għall-2008

MT MT

# WERREJ


1. Rotta konsistenti 3

2. Parti I: Azzjonijiet ta' prijorità fl-2008 5

2.1. Kwistjonijiet trasversali 5

2.2. Prosperità 6

2.3. Solidarjetà 9

2.4. Sigurtà u Libertà 11

2.5. L-Ewropa bħala Sieħeb Dinji 13

2.6. Regolamentazzjoni aħjar - fil-qalba tax-xogħol ta' kuljum tal-Kummissjoni 16

2.7. Tisħiħ tal-Komunikazzjoni u l-Prijoritajiet tal-Komunikazzjoni għall-2008 17

3. Parti II: Qafas ġenerali għal riżorsi umani u finanzjarji għall-2008 18

3.1. Riżorsi Umani 18

3.1.1. Rinfurzar relatat mat-tkabbir 18

3.1.2. Kontribuzzjoni għal Grupp Ċentrali 18

3.1.3. Riżorsi umani addizzjonali li jridu jiġu allokati għall-erba' oqsma ta' prijorità 18

3.2. Tibdil fl-allokazzjoni ta' riżorsi finanzjarji 19

3.2.1. Implikazzjonijiet finanzjarji tal- prijorità "Prosperità" 20

3.2.2. Implikazzjonijiet finanzjarji tal-prijorità "Solidarjetà" 20

3.2.3. Implikazzjonijiet finanzjarji tal-prijorità "Sigurtà" 21

3.2.4. Implikazzjonijiet finanzjarji tal-prijorità "Projezzjoni Esterna" 21

3.2.5. Ġabra ta' tibdil fl-intitolament tal-qafas finanzjarju 23

## KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

# Strateġija Annwali tal-Politika għall-2008

## 1. Rotta konsistenti

Illum l-Ewropa tgawdi kunsens politiku wiesa' dwar il-politika li għandha bżonn tmexxi. L-għanijiet strateġiċi mfassla fil-bidu tal-mandat tal-Kummissjoni - prosperità, solidarjetà, sigurtà u libertà, u Ewropa iktar b'saħħitha fid-dinja - ipprovdew qafas ċar għat-twettiq ta' politika biex jintlaħqu l-aspettativi taċ-ċittadini dwar fejn għandha ta ġixxi l-Ewropa. Dawn iffurmaw Unjoni li għandha l-ħila twieġeb għall-isfida tal-globalizzazzjoni u biex tarma l-Ewropej għall-futur. Il-Kummissjoni nediet mill-ġdid l-Istrateġija ta' Liżbona għat-tkabbir u l-impjiegi permezz ta' sħubija ma' l-Istati Membri. Hija bniet kunsens ma' l-Istati Membri dwar azzjoni komuni f'oqsma ewlenin bħall-enerġija, ir-riċerka u t-tibdil demografiku. Hija wriet il-ħila li ssegwi dawn l-impenji permezz ta' inizzjativi bħall-Politika ta' Enerġija għall-Ewropa, il-Fond Ewropew ta' A ġġustament għall-Globalizzazzjoni, l-Istitut Ewropew tat-Teknoloġija (EIT), u miżuri biex tappoġġja l-Istati Membri fil-ġestjoni tal-fruntieri esterni ta' l-UE u l-indirizzar ta' l-immigrazzjoni. Ħadmet flimkien ma' l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet l-oħra biex twassal appoġġ politiku u għajnuna umanitarja lil pajjiżi fi kriżi madwar id-dinja.

Il-Kummissjoni integrat b'mod aħjar politiki interni u esterni sabiex isaħħu t-tkabbir u l-impjieg fi ħdan l-Unjoni filwaqt li jħaddnu żvilupp globali. Għenet biex twettaq il-ħames tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea u biex tkompli l-proċess biex twassal l-Unjoni ta' 27 tilħaq il-potenzjal sħiħ tagħha. Permezz ta' negozjati mal-Parlament Ewropew u l-Kunsill, il-Kummissjoni għenet biex tiżgura Qafas Finanzjarju Multi-Annwali għall-perjodu 2007-2013 u biex tipprepara strumenti u programmi finanzjarji ġodda għat-traspożizzjoni tal-Qafas Finanzjarju f'azzjoni. Il-Kummissjoni nediet sforz ambizzjuż g ħal regolamentazzjoni u simplifikazzjoni aħjar tal-Leġiżlazzjoni ta' l-UE. Hija saħħet l-isforzi tagħha biex tidħol fi djalogu maċ-ċittadini dwar l-għażliet ta' politika u l-futur ta' l-Ewropa.

Dan ir-rekord juri li l-Unjoni Ewopea qed twettaq ir-realtà ta' l-istrateġija fuq żewġ binarji mfassla mill-Kummissjoni Ewropea f'Mejju li għadda, u appoġġjata mill-Kunsill Ewropew u l-Parlament Ewropew. L-UE qed timxi 'l quddiem b'firxa wiesgħa ta' politiki ambizzjużi, li turi liċ-ċittadini tagħna kif id-dimensjoni Ewropea hija essenzjali għat-twettiq ta' l-aspirazzjonijiet tagħhom fid-dinja tal-lum. Fl-istess ħin, il-ħila ta' l-Unjoni li taġixxi b'mod effettiv tappoġġja l-proċess parallel ta' ħidma lejn arranġament kostituzzjonali u istituzzjonali - arranġament li jġib miegħu Ewropa iktar effiċjenti u demokratika għall-futur.

Din l-Istrateġija ta' Politika Annwali tippreżenta l-proposti tal-Kummissjoni għal inizzjattivi ewlenin li għandhom jitwettqu għall-2008. Tipproponi wkoll l-allokazzjoni ta' riżorsi umani biex tissaħħaħ il-ħila tal-Kummissjoni li tikseb riżultati f'oqsma ta' prijorità. Postijiet addiżżjonali jkunu meħtieġa biex jieħdu akkont taż-żieda fl-ammont ta' xogħol wara t-tkabbir, filwaqt li prijoritajiet ta' politika oħra jridu jkunu koperti esklussivament permezz ta' ri-organizzazzjoni interna fi ħdan il-Kummissjoni.

Huwa ċar li l-2008 ser tkun sena importanti għad-dibattitu dwar il-futur ta' l-Ewropa. Arranġament istituzzjonali kostruttiv jibgħat sinjal pożittiv qabel l-elezzjonijiet Ewropej li jmiss.

F'aspetti oħra, l-2008 se tkun sena ta' konsolidazzjoni u implimentazzjoni kontinwa ta' l-acquis eżistenti flimkien ma' iktar attenzjoni għat-tisħiħ xieraq tal-leġiżlazzjoni ta' l-UE. Il-Kummissjoni se tkompli l-aġenda ta' riforma tagħha biex tipprovdi amministrazzjoni moderna, effiċjenti, u trasparenti u li twieġeb għall-azzjonijiet li twettaq - kapaċi li tikkomunika ma' u tibni l-fiduċja fost iċ-ċittadini Ewropej.

Il-Kummissjoni se tkompli tiffoka fuq il-kisba ta' riżultati fi ħdan l-għanijiet strateġiċi globali. It-Tkabbir u l-Impjiegi jibqgħu politika ta' prijorità ewlenin għall-Unjoni, appo ġġjati minn iktar sforzi għall-indirizzar tat-tibdil fil-klima u biex jintlaħqu l-ħtiġijiet ta' enerġija ta' l-Unjoni llum u fil-futur. L-iżvilupp ta' soċjetà ta' l-għarfien jibqa l-qofol f'din l-istrateġija. L-aħħar tkabbir ta' l-UE jġib miegħu iktar konsolidazzjoni meta Stati Membri ġodda progressivament jissieħbu maż-Żona ta' Schengen u jadottaw l-euro. Fl-okkażjoni ta' l-għaxar anniversarju mill-bidu ta' l-euro, il-Kummissjoni ser tippreżenta ħarsa mill-ġdid lejn il-funzjonament ta' l-EMU s'issa u kif tista' tkun mgħammra aħjar biex twieġeb għall-isfidi tal-futur. Rigward il-governanza, il-Kummissjoni se tkompli l-impenji tagħha biex tidħol fi djalogu u konsultazzjoni, biex tagħti riżultati dwar aġenda ta' regolamentazzjoni aħjar, u biex tagħti iktar attenzjoni għat-tisħiħ xieraq tal-leġi żlazzjoni ta' l-UE.

Fl-istess ħin, kif indikat hawn taħt, xi oqsma ta' politika jkunu lesti għal inizjattivi ta' politika ġodda. Sa mit-twaqqif tagħha, din il-Kummissjoni nediet firxa wiesgħa ta' eżer ċizzji konsultattivi u djalogi ta' politika, inkluż ir-Reviżjoni tas-Suq Uniku u l-Inventarju tar-Realtà Soċjali. Din ta' qabel tiżgura li s-Suq Uniku jkompli jwettaq il-wegħdiet ekonomiċi tiegħu u jiżgura li ċ-ċittadini jgawdu l-benefiċċji b'mod effettiv. Dan ta' l-aħħar jevalwa s-sitwazzjoni soċjali fl-UE bir-reviżjoni tat-tendenzi soċjo-demografiċi u l-aċċess taċ-ċittadini għad-drittijiet u l-opportunitajiet u jipprovdi kontribuzzjoni għar-reviżjoni intermedja ta' l-Aġenda Soċjali. Dawn ir-reviżjonijiet jid ħlu f'varjetà ta' inizjattivi konkreti. In-natura preċiża ta' dawn l-inizjattivi ma tistax tkun dejjem speċifikata b'mod definittiv f'dan l-istadju minħabba li l-proposti jridu jikkunsidraw ir-riżultati tal-konsultazzjoni mal-partijiet interessati u l-valutazzjoni ta' l-impatt mill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni Ewropea se ssaħħaħ ukoll ix-xogħol preparatorju dwar ir-reviżjoni komprensiva tal-baġit u l-analiżi tar-riżultati tal-konsultazzjoni mnedija fl-2007, bil-g ħan li tippublika dokument ta' reviżjoni fl-2008-09.

Bit-twettiq tal-qofol ta' din l-aġenda għall-2008, il-Kummissjoni timpenja ruħa li ta ħdem fi sħubija effettiva ma' l-istituzzjonijiet Ewropej l-oħra. Hija tħares 'il quddiem lejn djalogu kostruttiv u skambju ta' opinjonijiet mal-Parlament Ewropew u l-Kunsiill dwar liema għandhom ikunu l-prijoritajiet ta' politika fl-2008, u kif dan għandu jiġi rifless fil-Programm ta' Xogħol tal-Leġiżlazzjoni tal-Kummissjoni li għandu jiġi adottat f'Ottubru li ġej u fil-Baġit għall-2008.

## 2. Parti I: Azzjonijiet ta' prijorità fl-2008

## 2.1. Kwistjonijiet trasversali

Filwaqt li tibqa' ffokata sew fuq l-implimentazzjoni ta' l-għanijiet strateġiċi tagħha, il-Kummissjoni għandha tkun lesta u pronta biex tipprovdi tweġiba dinamika għal sfidi ġodda. Uħud mill-kwistjonijiet li telgħu 'l fuq fil-lista ta' prijorità ta' l-aġenda politika ta' l-UE minħabba n-natura tagħhom stess jolqtu l-erba' għanjiet strateġiċi u jikkontribwixxu biex jilħqu dawn l-għanjiet kollha jew bosta minnhom. Eżempji ewlenin huma l-enerġija u t-tibdil fil-klima, l-Aġenda ta' Liżbona għat-Tkabbir Ekonomiku u l-Impjiegi, u l-Migrazzjoni. Biex tilħaq dawn l-isfidi, il-Kummissjoni timpenja ruħa biex twieġeb b'mod koerenti u flessibbli billi taħdem flimkien fil-firxa tas-serviżżi tagħha, billi tfassal politiki koerenti li ma jkunux limitati mill-konfini tradizzjonali u billi tagħmel użu żħiħ mill-firxa wiesgħa ta' istrumenti politċi finanzjarji u regulatorji. Dawn il-kwistjonijiet huma wkoll trasversali, fis-sens li jridu jiġu indirizzat kemm permezz ta' azzjoni fi ħdan l-UE kif ukoll permezz ta' strateġija globali ma' sħab madwar id-dinja. Flaħħarnett, huwa ovvju li dawn imorru oltre s-sena unika ta' l-2008 u li l-isfidi li qed tiffaċċja l-Ewropa jiġu indirizzati biss permezz ta' xogħol konsistenti u siewi tul għadd ta' snin.

**L-indirizzar tat-tibdil fil-klima** resaq 'l quddiem u jkun parti integrali tal-prijoritajiet tal-Kummissjoni fl-2008 biex tkun żgurata l-prosperità sostenibbli għall-Ewropa. Fattur ewlieni fl-iżgurar ta' tkabbir sostenibbli huwa **enerġija sostenibbli, sigura u kompetittiva** fl-Unjoni, ibbażata fuq taħlita xierqa ta' sorsi ta' enerġija sostenibbli. L-2008 tkun sena kruċjali għat-tmexxija 'l quddiem tal-Pakett dwar l-Enerġija u t-Tibdil fil-Klima adottat mill-Kummissjoni fil-bidu ta' l-2007. Azzjonijiet ewlenin għandhom jinkludu xogħol għall-ħolqien ta' Grid Ewropea tal-Gass u l-Elettriku, iktar passi għall-promozzjoni ta' l-effiċjenza ta' l-enerġija u enerġija sostenibbli, reviżjoni tas-sistema tal-ħażniet taż-żejt ta' l-UE għat-tisħiħ tas-solidarjetà ta' l-enerġija bejn l-Istati Membri, inizjattivi għas-segwiment tal-Pjan Strateġiku Ewropew għat-Teknoloġija ta' l-Ener ġija, u tisħiħ tar-regoli tal-kompetizzjoni u s-suq intern fis-settur ta' l-enerġija. L-UE g ħandha tkompli r-rwol ewlieni fl-adattament għal u t-tnaqqis tat-tibdil fil-klima. Il-Kummissjoni se tagħmel sforzi sabiex tikseb impenji ġodda mill-Unjoni u l-partijiet ewlenin interessati madwar id-dinja biex inaqqsu l-emissjonijiet tal-$CO_2$ lilhinn mill-2012 meta jiskadi l-Protokol ta' Kyoto. L-UE għandha tuża l-kwalitajiet ta' tmexxija tagħha biex tħaffeff il-pressjoni internazzjonali għat-tibdil globali. Ta' importanza kbira għal dan hija l-Alleanza Globali għall-Politika tal-Klima, li għandha l-għan li tinvolvi l-pajjiżi li qed jiżviluppaw fit-titbdil fil-klima, bil-għan li tinfirex il-parteċipazzjoni fir-re ġim internazzjonali tat-tibdil fil-klima wara l-2012. Sabiex tgħin l-Europa twettaq l-impenji tagħha fuq l-għanijiet ġodda ta' emissjonijiet, l-UE se tieħu iktar passi biex tippromwovi l-effiċjenza ta' l-enerġija u produzzjoni sostenibbli ta' l-enerġija.

**L-Istrateġija** mġedda **ta' Liżbona għat-Tkabbir u l-Impjieg** tibqa' strument essenzjali għall-promozzjoni ta' Unjoni Ewropea iktar sinjura, ambjentalment responsabbli u soċjalment inkluživa, ibbażata fuq sħubija ma' l-Istati Membri. Wara s-simplifikar u t-tiġdid fl-2005, qed tibda tagħti riżultati u kkontribwiet għat-titjib fil-prestazzjonijiet ekonomiċi ta' l-UE. Issa l-isfida hija l-kapitalizzar fuq it-titjib kurrenti sabiex tmexxi iktar riformi. Fl-aħħar ta' l-2007, il-Kummissjoni tippreżenta rapport strateġiku dwar l-ewwel ċiklu ta' l-istrateġija, possibbilment b'reviżjoni tal-Linjigwida Integrati, biex tmexxi l-modernizzazzjoni 'l quddiem għad-deċennju li jmiss. Barra minn hekk, fl-2008 jkun hemm l-ewwel rizultati ta' iktar sforz għall-implimentazzjoni

ta' l-Istrateġija ta' Liżbona f'livell reġjonali permezz ta' programmi ta' Koeżjoni politika Ewropea, u programmi ġodda ta' politika ta' żvilupp rurali, li jridu jiġu adottati mill-Istati Membri kollha fl-2007.

**Il-ġestjoni ta' flussi migratorji lejn l-UE** teħtieġ strateġija multi-dimensjonali. Il-migrazzjoni tal-ħaddiema, jekk tkun immexxija sew, hija kontribuzzjoni pożittiva għall-prosperità u diversità kulturali ta' l-Europa. Fl-2008 il-Kummissjoni tippreżenta żewġ proposti leġiżlattivi dwar il-migrazzjoni tal-ħaddiema dwar il-kundizzjonijiet ta' dħul u residenza ta' ħaddiema staġjunali u dawk li jkunu qed jitħarrġu b'kumpens. Id-dritt ta' applikazzjoni għall-ażil fl-UE hija espressjoni tal-valuri Ewropej ta' solidarjetà. Fl-2008 il-Kummissjoni tipproponi iktar passi lejn politika komuni ta' migrazzjoni u mi żuri biex tintlaħaq Sistema Ewropea Komuni ta' Ażil sa' l-2010. Fl-aħħarnett, l-UE g ħandha bżonn tipprevjeni l-immigrazzjoni illegali, tiġġieled kontra t-traffikar tal-bnedmin u tipproteġi l-fruntieri esterni tagħha. Fl-2008 l-Aġenzija għall-Fruntieri Esterni tkun iktar żviluppata u l-Istati Membri jkunu megħjuna fl-indirizzar ta' l-immigrazzjoni illegali permezz ta' sistema ta' sorveljanza Ewropea. Il-Kummissjoni ta ħdem ukoll iktar fuq id-dimensjoni esterna permezz ta' aġenda mħallta ta' migrazzjoni u żvilupp, speċjalment ma' l-Afrika.

## 2.2. Prosperità

Kif indikat hawn fuq, it-tnaqqis u l-adattazzjoni għat-tibdil fil-klima, is-segwiment ta' Politika ta' Enerġija għall-Ewropa u l-implimentazzjoni ta' l-Istrateġija ta' Liżbona tipprovdi kontribut ewlieni lejn il-prosperità fl-UE fl-2008.

**Servizzi ta' trasport bi prezz raġonevoli u ambjentalment sostenibbli** huma prerekwiżiti għall-użu sħiħ tas-suq intern. Biex jitnaqqas l-impatt negattiv tas-settur tat-trasport fuq l-ambjent, il-Kummissjoni tipproponi Pjan ta' Azzjoni dwar it-Trasport fil-Bliet, White Paper għat-tħeġġiġ tal-kompetittività u l-effiċjenza tat-trasport marittimu minħabba inklużjoni aħjar tat-trasport qasir bil-baħar fil-katina loġistika, u proposta leġiżlattiva biex ikunu limitati l-emissjonijiet ta' ossidu tan-nitroġenu mill-avjazzjoni.

**It-tagħlim tul il-ħajja** jkompli jkun element ewlieni ta' l-Istrateġija ta' Liżbona. Huwa ċentrali għall-kompetittività u l-impjegabilità imma jippromwovi wkoll l-iżvilupp personali, iċ-ċittadinanza attiva u l-inklużjoni soċjali.

**Ir-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku** huma importanti għall-promozzjoni ta' żvilupp u innovazzjoni sostenibbli u l-iżgurar li l-Ewropa tibqa' soċjetà kompetittiva u prospera fil-futur. Is-Seba Programm Ewropew ta' Qafas (FP7) għandu rwol ewlieni fl-appoġġ għar-Riċerka Ewropea u l-istimulazzjoni tal-kooperazzjoni fl-Unjoni. Huwa strument ewlieni fl-appoġġ għal iktar żvilupp taż-Żona Ewropea ta' Riċerka (ERA) li l-Kummissjoni tipprova ssaħħaħ iktar fil-fond. Karatteristika ċentrali tal-FP7 hija l-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERC). Mill-2008 l-ERC ikun mirfud minn aġenzija e żekuttiva li tippermettilu jeżegwi r-rwol sħiħ tiegħu bħala aġenzija pan-Ewropea responsabbli għal fondi għar-riċerka fil-fruntieri ta' l-għarfien. Il-ġestjoni ta' partijiet o ħra ta' l-FP7 ikunu ottimizzati permezz ta' Aġenzija Eżekuttiva oħra. Matul is-sena, isir xogħol preparatorju sabiex jiżgura li l-**Istitut Ewropew għat-Teknoloġija (EIT)** ikun operazzjonali fl-2009. L-EIT jgħin biex jitnaqqas id-distakk bejn l-UE l-kompetituri ewlenin permezz ta' reċerka u edukazzjoni strateġika. Matul is-sena, bosta

inizjattivi Ewropej ta' riċerka se jitmexxew 'l quddiem biex jappoġġjaw inizjattivi ewlenin bħall-Istrateġija ta' Liżbona u oqsma maġġuri ta' politika inkluż il-kompetittività industrijali, l-enerġija, l-ambjent, is-saħħa, il-politika marittima, is-sigurtà u t-trasport.

Fuq il-bażi tar-riżultati tar-Reviżjoni tas-Suq Uniku, li se tkun ippreżentata fl-2007, il-Kummissjoni tressaq il-quddiem proposti leġiżlattivi biex **tippermetti liċ-ċittadini u l-kumpaniji, partikolarment l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), jibbenefikaw bis-sħiħ mis-suq intern.** Inizjattivi jistgħu jinkludu proposti fl-oqsma tas-servizzi finanzjarji jew drittijiet ta' proprjetà intelletwali. Aktar attivitajiet ta' tisħiħ jistgħu jkunu meħtieġa fil-qasam tal-kompetizzjoni, b'mod partikolari kontra l-prassi anti-kompetittivi li l-iktar jagħmlu ħsara u forom ta' Għajnuna Statali, kif ukoll fil-qasam tal-moviment ħieles tal-kapital. Proposti speċifiċi se jkunu ppreżentati dwar Ba żi Taxxabbli Korporattiva Komuni u Konsolidata (CCCTB) għall-intrapriżi, u l-implimentazzjoni ta' l-Istrateġija dwar il-Privattivi ta' l-UE se tkun segwita mill-qrib. It-tisħiħ tal-fiduċja tal-konsumatur u l-**promozzjoni tal-ħarsien tal-konsumatur** ikun qasam ieħor li fih il-Kummissjoni tagħmel proposti ġodda fl-2008. Inizjattivi bħal dawn jistgħu jinkludu leġiżlazzjoni dwar id-drittijiet kuntrattwali ewlenin u rimedji g ħall-konsumaturi, u l-estensjoni possibbli ta' l-applikabilità ta' regoli ta' ħarsien tal-konsumatur ta' l-UE biex ikopru software u data (eż mużika jew films) mixtrija u mniż żla mill-Internet.

Skond ir-riżultat tal-konsultazzjoni dwar il-*Green Paper*, u skond il-Pjan ta' Azzjoni 2007, il-**Politika Marittima ta' l-UE** għat-tkabbir fl-impjiegi u tkabbir ta' l-ekonomija ta' l-ixtut u dik marbuta mal-baħar b'mod sostenibbli titkompla permezz ta' għadd ta' inizjattivi. Se tingħata kunsiderazzjoni għal kwistjonijiet trasversali relatati ma' politiki oħra, inter alia l-governanza internazzjonali marittima, r-riċerka marittima, l-kompetittività ta' l-industriji marittimi, is-sajd u l-akwakultura, is-sorveljanza u ġbir ta' *data*, l-Ispazju marittimu komuni ta' l-UE żviluppat taħt il-politika tat-trasport, is-sigurtà (eż kontrolli fuq il-fruntiera marittima - irreferi għal azzjonijiet taħt 2.4) u l-ambjent kif żviluppat fl-istrateġija Marittima ta' l-UE.

**Prosperità: azzjonijiet ewlenin maħsuba għall-2008**

***L-Istrateġija ta' Liżbona għat-Tkabbir u l-Impjiegi***

- Rapport strateġiku u azzjoni ta' prosegwiment fl-ewwel fażi ta' l-Istrateġija m ġedda ta' Liżbona

***Enerġija u Trasport***

- Implimentazzjoni u prosegwiment tal-Pakket ta' l-Enerġija u t-Tibdil fil-Klima
- Bidu ta' l-implimentazzjoni ta' l-azzjonijiet meħtieġa biex tinħoloq sistema Ewropea tal-gass u n-netwerk ta' elettriku
- Inizjattivi ta' prosegwiment għall-Pjan Ewropew ta' Stratġija Teknoloġika dwar l-Enerġija, b'mod partikolari dwar is-sorsi rinnovabbli ta' enerġija, teknoloġija tal-fa ħam sostenibbli u gestjoni ta' l-iskart nukleari.
- Reviżjoni tas-sistemi tal-ħażna taż-żejt ta' l-UE

- Pjan ta' Azzjoni ta' l-UE dwar it-Trasport fil-Bliet għal settur ta' trasport favur l-ambjent.

- Proposta leġiżlattiva dwar it-tnaqqis ta' l-emissjonijiet ta' l-ossidu tan-nitroġenu (NOx) mill-avjazzjoni

- Proposta leġiżlattiva dwar it-tnaqqis ta' emissjonijiet mill-vapuri

- *White Paper* dwar Spazju Marittimu Komuni biex jippromwovi t-trasport marittimu

- Tisħiħ ta' l-aġenziji għas-sigurtà tat-trasport sabiex titlesta l-ħidma dwar ir-regoli tas-sigurtà tat-trasport

***Strateġija Globali għall-Migrazzjoni***

- Direttivi dwar il-migrazzjoni tal-ħaddiema, fuq kundizzjonijiet ta' dħul u residenza ta' ħaddiema staġjunali u u persuni li jkunu qed jitħarrġu bi ħlas

***Edukazzjoni, Riċerka u Innovazzjoni***

- It-twaqqif ta' Aġenziji Eżekuttivi biex irendu l-Kunsill Ewropew għar-Riċerka (ERC) operazzjonali bis-sħiħ u biex jottimizzaw l-implementazzjoni ta' l-attivitajiet ta' l-FP7

- Azzjonijiet preparatorji - il-ħatra ta' Bord ta' Gvernaturi u l-għażla ta' l-ewwel Komunitajiet ta' Tagħrif u Innovazzjoni (KICs) - sabiex l-Istitut Ewropew għat-Teknoloġija (EIT) ikun operazzjonali

***Suq Uniku***

- Proposti leġiżlattivi fost oħrajn li jsegwu l-konklużjonijiet tar-Reviżjoni tas-Suq Uniku

- Prosegwiment ta' l-Istrateġija ġdida dwar il-Privattivi ta' l-UE

- Proposta li tippermetti l-intrapriżi li jużaw Bażi Taxxabbli Korporattiva Komuni u Konsolidata (CCCTB) għall-attivitajiet tagħhom mifruxa ma' l-UE

***Unjoni Ekonomika u Monetarja***

- Reviżjoni strateġika ta' l-EMU wara 10 snin u proposti għat-titjib tal-ħidma tag ħha

***Tisħiħ tal-Fiduċja tal-Konsumatur u Protezzjoni***

- Inizjattivi leġiżlattivi għat-tisħiħ tal-ħarsien tal-konsumatur, eż, dwar drittijiet kuntrattwali u rimedji għall-konsumaturi

***Politika Marittima u Monitoraġġ***

- Inizjattivi li jmexxu 'l quddiem l-implimentazzjoni tal-Politika Marittima ta' l-UE

## 2.3. Solidarjetà

Kif imsemmi hawn fuq, l-indirizzar tat-tibdil fil-klima tkompli tkun prijorità ewlenija g ħall-UE fl-2008 fl-ispirtu ta' solidarjetà fi ħdan l-Ewropa, mad-dinja barranija u mal-ġenerazzjonijiet futuri.

L-Implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tar-Reġistrazzjoni, l-Evalwazzjoni u l-Awtorizzazzjoni ta' Kimiċi (**REACH**) huwa test ewlieni li juri l-ħila ta' l-Ewropa biex issaħħaħ il-kompetittività fl-Industrija Ewropea filwaqt li ttejjeb is-saħħa u l-ambjent g ħaċ-ċittadini Ewropej.

Fl-2008, il-Politika Agrikola Komuni rriformata (CAP) ser tgħaddi minn "***Check-Up***", biex ikun verifikat jekk ir-riforma ta' l-2003 tista' tiġi rfinuta u biex titħejja t-triq għad-disinn futur u l-prijoritajiet tal-CAP. L-2008 se tkun ukoll l-ewwel sena fl-implimentazzjoni ta' **Organizzazzjoni ta' Suq Uniku Komuni**, li huwa pass sinifikanti lejn is-simplifikazzjoni, kif ukoll l-implimentazzjoni tar-riforma fis-setturi ta' l-inbid, il-frott u l-ħaxix, u l-qoton. Rigward il-Politika Komuni tas-Sajd, (CFP), il-Kummissjoni se tippreżenta abbozz ġdid tal-qafas ta' kontroll bil-għan li ssaħħaħ l-infurzar madwar l-Unjoni.

Ibbażata fuq l-Inventarju tar-Realtà Soċjali u r-reviżjoni intermedja ta' l-implimentazzjoni ta' l-Aġenda Soċjali, li jkunu ppreżentati t-tnejn fl-2007, il-Kummissjoni tipproponi inizjattivi biex tħeġġeġ is-solidarjetà u l-aċċess taċ-ċittadini g ħad-drittijiet u l-opportunitajiet. Bħala miżura ta' prosegwiment għas-Sena Ewropea ta' l-Opportunitajiet Indaqs għal Kulħadd (2007), il-Kummissjoni ġġedded u ssaħħaħ il-politika tagħha ta' opportunitajiet indaqs. B'mod partikolari, tipproponi **iniżjattivi ġodda mfassla biex jipprevjenu u jikkumbattu d-diskriminazzjoni barra s-suq tax-xogħol** - ibbażat fuq sess, reliġjon, twemmin, diżabbiltà, età u orjentament sesswali u biex ittejjeb ir-rikonċiljazzjoni bejn il-familja u l-ħajja professjonali. Proposti biex jippromwovu s-solidarjetà soċjali jinkludu interventi possibbli mill-**Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjon**i, imwaqqaf biex jikkumplementa l-isforzi ta' l-Istati Membri biex jappoġġja l-isforzi tal-ħaddiema li jkunu tilfu xog ħlhom minħabba l-ftuħ tas-suq biex ifittxu u jżommu impjiegi ġodda.

Il-Kummissjoni tippreżenta proposti ġodda dwar kif jistgħu jiġu żgurati l-adattabilità u l-flessibbiltà tas-suq tax-xogħol Ewropew filwaqt li jkun żgurat grad għoli ta' protezzjoni soċjali ("**flessigurtà**"). Wara r-rapport strateġiku ta' l-Aġenda ta' Liżbona, dawn il-proposti jistgħu jkunu riflessi fir-reviżjoni tal-Linji Gwida Integrati, flimkien ma konċentrazzjoni iktar qawwija fuq l-indirizzar tal-qgħad fiż-żgħażagħ u x-xogħol mhux dikjarat.

L-2008 se tkun sena importanti għall-**Politika Ewropea ta' Koeżjoni** bħala l-ewwel sena sħiħa ta' l-implimentazzjoni tal-programmi operattivi ġodda 2007-2013. Il-Kummissjoni se tevalwa wkoll ir-riżultati konkreti ppreżentati mill-programmi 2000-2006 għall-benefiċċju taċ-ċittadini.

Sabiex id-**drittijiet fundamentali u ċ-ċittadinanza Ewropea** jkunu mħeġġa u mħarsa, il-Kummissjoni tipproponi iktar miżuri għall-protezzjoni konsulari taċ-ċittadini ta' l-UE li jivvjaġġaw barra l-Unjoni. Drittijiet fundamentali jkunu mħeġġa b'enfażi partikolari fuq id-**drittijiet tat-tfal**, mirfuda minn proposti speċifiċi biex ikun indirizzat il-faqar tat-tfal. Il-Kummissjoni tipproponi wkoll programm ġdid għall-ħarsien tat-tfal bl-użu ta' l-Internet u l-mezzi tax-xandir il-ġodda.

Billli tibni fuq l-esperjenzi attwali madwar l-UE fil-ġlieda kontra d-droga, il-Kummissjoni tippreżenta wkoll **Pjan ta' Azzjoni ta' l-UE dwar id-Drogi** għas-snin 2009-2012.

Il-Kummissjoni tniedi inizjattivi ġodda flimkien ma' l-Istati Membri biex tippromwovi l-**multilingwiżmu**, li jirrifletti d-diversità kulturali u lingwistika ta' l-UE u jikkontribwixxi għall-prosperità tagħha. Dawn l-inizjattivi għandhom l-għan li jżidu l-għarfien tal-benefiċċji tat-tagħlim tal-lingwi għall-kompetittività, impjegabilità u fehim interkulturali. Flaħħarnett, il-Kummissjoni se timplimenta s-**Sena Ewropea għad-Djalogu Interkulturali** 2008 fl-appoġġ tad-diversità kulturali u lingwistika u l-promozzjoni ta' ċittadinanza Ewropea attiva.

**Solidarjetà: azzjonijiet ewlenin imbassra għall-2008**

***It-Tibdil fil-Klima, l-Ambjent u Inizjattivi Relatati***

- Impenji lil'hinn mill-2012 fuq it-tnaqqis ta' l-emissjonijiet tal-$CO_2$ fl-UE għal livell sostenibbli qabel il-Konferenza tal-Partijiet Involuti fil-Konvenzjoni tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima (2009)

- Inizjattivi biex jippromwovu l-adattazzjoni għall-isfidi ambjentali, produzzjoni sostenibbli u konsum

- L-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni REACH u l-bidu ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Kimiċi f'Ħelsinki

- Komunikazzjoni dwar is-Sorveljanza Globali għall-Ambjent u s-Sigurtà (il-GMES)

***Politika ta' l-Agrikoltura u Sajd***

- Preżentazzjoni taċ-"*Check-Up*" tar-riformi ta' l-2003-2004 tal-Politika Agrikola Komuni (CAP)

- Implimentazzjoni ta' Organizzazzjoni tas-Suq Komuni Uniku fl-agrikoltura

- Tibdil radikali tal-kontroll u t-tisħiħ tal-qafas regolamentari tal-Politika Komuni tas-Sajd (CFP)

***Solidarjetà Soċjali***

- Implimentazzjoni tal-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond Ewropew ta' l-Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF)

• Proposti li jikkjarifikaw l-applikazzjoni tal-Liġi Komunitarja għas-servizzi so ċjali, possibbilment flimkien mal-kriterji ta' kwalità madwar l-UE għas-servizzi soċjali ta' interess ġenerali, bħala prosegwiment għall-White Paper tal-Kummissjoni

• Inizjattivi mmirati li jimmodernizzaw il-liġi Ewropea ta' l-Impjieg, b'mod partikolari dwar il-flessigurtà

***Opportunitajiet Indaqs***

• Inizjattivi kontra d-diskriminazzjoni barra s-suq tax-xogħol

• Inizjattivi mmirati lejn ir-rikonċiljazzjoni bejn il-ħajja familjari u professjonali

***Il-Politika ta' Koeżjoni***

• Evalwazzjoni strateġika tar-rizultati tal-programmi ta' politika ta' Koeżjoni 2000-2006

***Tisħiħ taċ-Ċittadinanza Ewropea u l-Ħarsien tad-Drittijiet Fundamentali***

• Proposti dwar protezzjoni konsulari taċ-ċittadini ta' l-UE

• Il-promozzjoni tad-drittijiet tat-tfal permezz ta' Forum dwar id-Drittijiet tat-Tfal

• It-tnedija ta' programm għall-ħarsien tat-tfal bl-użu ta' l-Internet u l-midja ġodda (2009-2013)

***Il-Ġustizzja u l-Intern***

• Il-Pjan ta' Azzjoni ta' l-UE dwar id-Drogi (2009-2012)

• Il-Pjan ta' Politika għall-Ażil biex tipprepara għat-tieni fażi tas-Sistema Ewropea Komuni għall-Ażil

• Proposta leġiżlattiva fil-qasam tas-suċċessjonijiet u t-testmenti

• Komunikazzjoni dwar is-sekwestru tal-kontijiet bankarji

***Djalogu Interkulturali u l-Multilingwiżmu***

• Strateġija għall-promozzjoni tal-multilingwiżmu f'kooperazzjoni ma' l-Istati Membri

• Azzjonijiet għas-Sena Ewropea ta' Djalogu Interkulturali

## 2.4. Sigurtà u Libertà

L-iżgurar tal-**moviment ħieles tal-persuni** fi ħdan Unjoni mkabbra huwa għan ewlieni għall-UE. L-iffinalizzar tat-tieni ġenerazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II) għandha twitti t-triq għal Stati Membru addiżżjonali ta' l-UE biex jissieħbu maż-Żona Schengen mill-2008.

Il-Programm ta' l-Aja (2005-2009) jibqa' l-qafas għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni għall-promozzjoni tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja fl-UE. Iktar azzjonijiet jittieħdu fil-**ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu**, inklużi miżuri biex jiffaċilitaw l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet li jinfurzaw il-liġi u miżuri preventivi mmirati lejn ir-radikalizzazzjoni.

Il-Kummissjoni tipproponi wkoll iktar miżuri biex tippromwovi s-sigurtà u s-saħħa taċ-ċittadini Ewropej, inklużi miżuri biex tibni fuq kooperazzjoni attwali fil-**protezzjoni ċivili** u sforżi biex tiżgura u ssaħħaħ il-livelli ta' l-UE fis-**sigurtà ta' l-ikel, is-saħħa u l-benesseri ta' l-annimali, u s-saħħa tal-pjanti.** Il-kontroll doganali, b'mod partikolari dik marbuta mal-ġlieda kontra l-merkanzija ffalsifikata, se tkun imsaħħa biex tippromwovi s-sigurtà u tipproteġi l-konsumaturi. Issir ukoll reviżjoni tal-qafas legali ta' l-UE għall-prodotti farmaċewtiċi biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-mediċini, informazzjoni ċara għall-pazjenti u aċċess għal **servizzi u prodotti għas-saħħa** li huma sikuri, bi prezz xieraq u ta' kwalità għolja.

Fl-2008, il-Kummissjoni se taħdem għall-protezzjoni tal-komunikazzjoni kritika u infrastrutturi ta' informazzjoni u tindirizza sfidi relatati mal-privatezza u s-sigurtà tas-sistemi ta' komunikazzjoni ġodda.

**Sigurtà u Libertà: azzjonijiet ewlenin imbassra għall-2008**

***Libertà tal-Moviment u Ġestjoni tal-Fruntieri Esterni ta' l-UE***

- L-Implimentazzjoni tat-tieni ġenerazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II) li tippermetti Stati Membri addizzjonali ta' l-UE li jidħlu fiż-żona Schengen
- Miżuri ġodda għall-ġestjoni tal-fruntieri esterni ta' l-UE, li jinkludu iktar żvilupp ta' l-Aġenzija tal-Fruntieri Esterni (FRONTEX), ġestjoni mtejba tal-kontrolli tal-fruntieri tal-baħar, u sistema ta' sorveljanza Ewropea li tgħin l-Istati Membri jindirizzaw il-flussi dejjem jikbru ta' l-immigranti illegali
- It-tnedija ta' Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viżas (VIS) fit-tħejjija għal politika komuni dwar il-viżas

***Il-Ġlieda kontra l-Kriminalità Organizzata u t-Terroriżmu***

- L-implimentazzjoni ta' *database* ċċentralizzata għall-marki tas-swaba
- It-tnedija ta' politika kontra r-radikalizzazzjoni vjolenti
- Tisħiħ fil-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri permezz ta' EUROJUST fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' kriminalità serja bejn il-fruntieri u kriminalità organizzata.

***Il-Protezzjoni Ċivili***

- It-tisħiħ tal-Mekkaniżmu tal-Protezzjoni Ċivili ta' l-UE u l-iżvilupp ta' strateġija integrata dwar il-prevenzjoni tad-diżastri li jiġru fi ħdan l-UE jew f'pajjiżi li jipparteċipaw fil-mekkaniżmu

***Saħħa u Sigurtà***

- Rakkomandazzjoni dwar is-sigurtà tal-pazjenti u l-kwalità tas-servizzi tas-saħħa

- L-assikurazzjoni ta' konformità mal-livelli ta' l-UE dwar sigurtà ta' l-ikel, saħħa ta' l-annimali, benesseri ta' l-annimali u saħħa tal-pjanti

- L-Iżvilupp ta' qafas legali għall-valutazzjoni ta' riskju mill-Awtorità Ewropea g ħas-Sigurtà ta' l-Ikel (EFSA) dwar ikel u għalf ġenetikament modifikati

- Reviżjoni tal-qafas legali dwar il-prodotti farmaċewtiċi

- Il-modernizzar tal-leġiżlazzjoni għal apparat mediku, biex titjieb is-sigurtà tal-pazjent u ta' l-utent filwaqt li jkun żgurat ambjent reguolatorju ċar

- Inizjattivi dwar it-telemediċina għall-ġestjoni ta' mard kroniku (sorveljanza tas-saħħa domestika)

- L-iżvilupp ta' infrastruttura għal tħejjija għall-kriżijiet fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà

***Il-protezzjoni ta' infrastrutturi ta' informazzjoni kritika u t-tisħiħ tal-fiduċja taċ-ċittadini***

- Inizjattiva dwar il-komunikazzjoni kritika u protezzjoni ta' infrastrutturi ta' informazzjoni

- Inizjattiva dwar il-privatezza u l-fiduċja fis-soċjetà ta' l-informazzjoni

## 2.5. L-Ewropa bħala Sieħeb Dinji

L-Ewropa għandha tkompli l-isforzi tagħha biex titkellem **b'vuċi soda u sħiħa fid-dinja, ibbażata fuq il-valuri u għanijiet komuni tagħna**, b'koerenza sħiħa mal-politika interna tagħha, filwaqt li tagħmel użu bis-sħiħ ta' l-assi u l-politiki li għandha g ħad-dispożizzjoni tagħha biex tiddefendi l-interessi ta' l-Unjoni. Dawn jinkludu l-Politika Komuni ta' l-Affarijiet Barranin u tas-Sigurtà (CFSP), il-Politika Ewropea tas-Sigurtà u d-Difiża (ESDP), il-politika komuni tal-kummerċ, il-politika ta' żvilupp, l-g ħajnuna umanitarja, u d-dimensjoni esterna tal-politika interna. Sadanittant, ir-rabtiet bejn il-**politika interna u esterna** qed jissodaw. Dan huwa l-każ partikolarment f'dak li jirrigwarda l-kompetittività, minħabba li politiki interni koerenti u mfassla sew u suq intern li jaħdem sew fi ħdan l-UE jkollhom impatt fuq il-ħila tal-kumpaniji Ewropej li jikkompetu fix-xena globali. Politika ċentrali bħall-indirizzar tat-tibdil fil-klima u l-bijodiversità, tibdil demografiku u migrazzjoni, terroriżmu u kriminalità organizzata, jew il-ħtiġijiet ta' l-enerġija jistgħu jiġu indirizzati biss fil-kuntest globali.

**Negozjati ta' adeżjoni** jkomplu fuq bażi tal-kunsens imġedded dwar it-tkabbir u r-regoli mtejba li jiggvernaw il-proċess ta' adeżjoni miftehma fil-Kunsill Ewropew ta' Di

ċembru 2006. Il-progress fil-**Balkani tal-Lvant** lejn futur fl-Unjoni Ewropea jinkludi l-implimentazzjoni ta' l-istatus futur tal-Kosovo, ladarba jintlaħaq qbil. Riżultat pożittiv huwa importanti wkoll għal titjib sinifikanti fil-progress tas-Serbja fit-triq tagħha lejn l-UE.

Għanijiet ewlenin bħall-Politika Ewropea tal-Viċinat, l-istrateġija għall-Afrika, il-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp u l-aġenda għal kompetittività esterna Ewropa Globali jibqgħu l-qafas għal inizjattivi importanti.

Il-**Politika Ewropea tal-Viċinat** tibni fuq l-evalwazzjoni annwali tal-progress li jmiss fl-aħħar ta' l-2007. Tingħata attenzjoni partikolari għall-implimentazzjoni tal-programmi settorjali fl-oqsma tal-migrazzjoni, l-edukazzjoni u l-enerġija kif ukoll għat-tisħiħ tar-relazzjonijiet fil-kummerċ u l-integrazzjoni ekonomika u l-iffaċilitar tal-mobilità. Kooperazzjoni reġjonali iktar fil-qrib madwar ir-reġjun tal-Baħar l-Iswed g ħandha tkun imħeġġa wkoll.

Il-ħidma għall-iżvilupp ta' **rabtiet politiċi u ekonomiċi iktar sodi ma' sħab madwar id-dinja** - inklużi r-Russja, l-Ukrajna, il-Ġappun, il-Korea, iċ-Ċina, l-Indja, l-ASEAN u l-Amerika Latina - għandhom jiġu intensifikati. Is-sħubija tranżatlantika għandha tissaħħaħ u tiġi adattata l-ħin kollu għall-evoluzzjoni ta' l-isfidi komuni, biex tirrifletti l-kwalità tar-relazzjonijiet bejn il-popli tagħna u risponsabbiltà tagħna biex nagħtu kontribut għal ambjent internazzjonali li jwassal għall-paċi, is-sigurtà, il-prosperità u l-iżvilupp sostenibbli.

L-Unjoni qed taħdem ħafna biex tiżgura t-twettiq u l-implimentazzjoni b'suċċess taċ-**Ċiklu ta' Doha għall-Iżvilupp** ta' taħdidiet dwar il-kummerċ dinji. Dan il-qafas globali jiġi kkumplimentat minn negozjati bilaterali għal ġenerazzjoni ġdida ta' ftehim ta' kummerċ ħieles ma ekonomiji emerġenti importanti. Sabiex il-Kummissjoni tkompli l-aġenda ġdida Ewropa Globali, tingħata attenzjoni partikolari fuq il-kisba ta' riżultati: aċċess aħjar għas-suq, għodod għad-difiża tal-kummerċ effettivi u protezzjoni mtejba tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali.

L-UE ssaħħaħ ir-relazzjonijiet istituzzjonali tagħha ma' l-Afrika fil-livelli kollha b'mod speċjali ma' l-Unjoni Afrikana (AU). L-UE u l-UA jiżviluppaw **Strateġija Konġunta bejn l-UE u l-Afrika** li tiddefinixxi l-prijoritajiet ġodda fir-relazzjonijiet ta' l-UE ma' l-Afrika u li jiġu implimentati bħala prosegwiment għas-Summit bejn l-UE u l-Afrika. L-2008 tara l-bidu ta' l-implimentazzjoni ta' l-10 Fond Ewropew għall-Iżvilupp (EDF) - qafas importanti għall-kooperazzjoni u l-finanzjament bejn l-Ewropa u l-pajjiżi ta' l-Afrika, il-Karibew u l-Paċifiku (ACP). L-EDF jipprovdi 22,7 biljun EUR fuq il-perjodu 2008-2013. Għandha wkoll tirsisti għal sinerġiji mal-**Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika** (EPA), li jibdew jiġu implimentati fl-2008 u jirrappreżentaw il-ġebla tax-xewka għall-integrazzjoni reġjonali tal-pajjiżi ACP u l-izvilupp tagħhom b'mod ġenerali.

**Sforzi ta' stabilizzazzjoni u rikostruzzjoni** fil-Lvant Nofsani u l-Asja tan-Nofsinhar iridu jitkomplew u l-ħiliet ta' prevenzjoni ta' kunflitti, reazzjoni għal kriżijiet u bini ta' paċi ta' l-Unjoni għandhom jissaħħu iktar, permezz ta' użu koordinat ta' l-istrumenti kollha disponibbli. Il-Kummissjoni tkompli ssaħħaħ u tikkonsolida l-kapaċità ta' rispons ta' l-Unjoni għal diżastri u kriżijiet permezz ta' użu koordinat ta' l-istrumenti kollha disponibbli inklużi l-għajnuna ta' emerġenza u umanitarja. Osservazzjoni

elettorali u l-implimemtazzjoni effiċjenti ta' programmi ta' drittijiet tal-bniedem u demokratizzazzjoni jkunu kontribuzzjoni importanti għall-promozzjoni tal-valuri fundamentali tagħna barra l-Unjoni Ewropea.

L-UE għandha tibqa' impenjata biex ittejjeb **il-koerenza, l-effikaċja u l-viżibbiltà ta' l-azzjoni esterna tagħha**. Il-Kummissjoni tkompli tiżviluppa kultura politika u diplomatika fis-servizzi esterni tagħha.

**L-Ewropa bħala sieħeb dinji: azzjonijiet ewlenin imbassra għall-2008**

***Tkabbir***

- Tkompli n-negożjati ta' adeżjoni mal-Kroazja u t-Turkija fuq il-bażi tal-kunsens ta' tkabbir imġedded ta' l-Unjoni

- Il-ġestjoni tal-konsegwenzi ta' l-istatus futur tal-Kosovo ladarba jintlaħaq qbil u l-implikazzjonijiet tiegħu għar-relazzjonijiet mal-pajjiżi fir-reġjun

- Implimentazzjoni tan-netwerk eżistenti ta' Ftehimiet ta' Stabilizzazzjoni u Asso ċjazzjoni u progress fil-proċess ta' stabilizzazzjoni u assoċjazzjoni mas-Serbja

***Il-Viċinat Ewropew u r-Russja***

- Progress sinifikanti lejn jew l-implimentazzjoni ta' ftehim ġdid mar-Russja

- Progress sinifikanti lejn il-konklużjoni ta' ftehim imsaħħaħ ma' l-Ukrajna

- It-tnedija ta' negozjati ta' Ftehimiet ta' Sħubija u Kooperazzjoni suċċessivi (PCA) ma' l-Armenja, l-Ażerbajġan, il-Ġeorġja u l-Moldova

- Żieda fir-relazzjonijiet ma' l-Alġerija, il-Belarus, il-Libja u s-Sirja, skond l-i żvilupp politiku

- Is-segwiment tal-kontribuzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea għall-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani u l-appoħħ għall-Awtorità Palestinjana

***Il-bqija tad-Dinja***

- Il-komklużjoni u l-implimentazzjoni taċ-Ċiklu ta' Żvilupp tad-Doha

- Il-prosegwiment tar-riżultati tas-Samit bejn l-UE u l-AU ta' l-2007

- IL-bidu ta' implimentazzjoni tal-Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika u l-10 Fond Ewropew għall-Iżvilupp (EDF)

- Iktar kooperazzjoni mal-pajjiżi ACP u pajjiżi oħra li għadhom qed jiżviluppaw, b'mod partikolari f'oqsma bħall-enerġija u l-migrazzjoni, skond il-Pjan ta' Azzjoni dwar it-Tibdil fil-Klima u l-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u l-Istrateġija Globali għall-Migrazzjoni

- Is-segwiment tar-riżultati tas-Sammit EU-US 2007 u t-tisħiħ tar-relazzjonijiet politiċi, ekonomiċi u kummerċjali ma' l-Istati Uniti

- Progress fi jew konklużjoni tan-negożjati għall-ftehimiet mas-sħab strateġiċi ta' l-UE, iċ-Ċina u l-Indja, kif ukoll ma' sħab oħra fl-Ażja (ASEAN, Il-Korea t'Isfel) u l-Amerika Latina (Komunità Andeana, Amerika Ċentrali)
- Reviżjoni tar-relazzjonijiet mal-Brażil waqt li titqies ir-rabta man-negozjar ta' ftehim ta' assoċjazzjoni, inkluż Ftehim ta' Kummerċ Ħieles mal-MERCOSUR u l-konklużjoni/l-implimentazzjoni ta' ftehimiet ta' assoċjazzjoni mal-Komunità Andeana u l-Komunità ta' l-Amerika Ċentrali
- Tisħiħ tal-kooperazzjoni ma' pajjiżi produtturi, ta' tranżitu u konsumaturi ewlenin, inkluż dwar il-promozzjoni ta' enerġija sostenibbli u effiċjenża ta' l-enerġija
- Il-prosegwiment ta' l-impenn ta' l-UE fl-Afganistan u t-tkomplija tal-kontribuzzjoni għall-istabilità fil-Golf b'enfasi fuq l-Iran u l-Iraq

## 2.6. Regolamentazzjoni aħjar - fil-qalba tax-xogħol ta' kuljum tal-Kummissjoni

Is-simplifikar u t-titjib ta' l-ambjent regolatorju għan-negożji u ċ-ċittadini ta' l-UE kienet prijorità ewlenija għall-Kummissjoni mindu bdiet xogħla. Fl-2006 il-Kummissjoni impenjat ruħa f'reviżjoni strateġika ta' l-aġenda għal regolamentazzjoni a ħjar. L-2007 se ġġib magħha titjib fis-sistema ta' valutazzjoni ta' impatt, it-tnedija ta' Programm ta' Azzjoni għall-eliminazzjoni ta' piżijiet amministrativi mhux meħtieġa kkawżati minn leġiżlazzjoni fil-livelli ta' l-UE u l-Istati Membri, u l-implimentazzjoni tal-programm ta' simplifikazzjoni aġġornat. It-twettiq ta' dawn l-azzjonijiet ikun l-għan ċentrali għall-2008.

Ir-riżultati ta' l-evalwazzjoni esterna tas-sistema ta' valutazzjoni ta' impatt tal-Kummissjoni - mistenni għal Marzu 2007 - flimkien mal-lezzjonijiet li joħorġu mill-ħidma tal-**Bord ta' Valutazzjoni ta' Impatt**, jippermettu lill-Kummissjoni li tidentifika fejn huwa meħtieġ appoġġ u titjib fil-Linji Gwida ta' Valutazzjoni ta' Impatt. Fl-2008 il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom ukoll jevalwaw l-implimentazzjoni ta' l-"Istrateġija Komuni għall-Valutazzjoni ta' Impatt" li sar f'nofs l-2006. L-eżerċizzju ta' kejl ta' l-ispejjeż amministrattivi maħsub fil-Pjan ta' Azzjoni adottat f'Jannar 2007 jintemm f'Novembru 2008. F'ħidma konġunta ma' l-Istati Membri, il-Kummissjoni tkompli timpenja ruħa biex twettaq tnaqqis **sinifikanti u evidenti fil-piżijiet amministrattivi li jiffaċċjaw in-negozji fl-UE**.

Twettiq ta' l-inizjattivi mfassla fil-programm multi-annwali ta' simplifikazzjoni se jkompli fl-2008, u progressivament jinkludi numru dejjem jikber ta' proposti ta' simplifikazzjoni għat-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi. L-2008 għandha wkoll timmarka **t-twettiq tal-programm tal-Kummissjoni għall-kodifikazzjoni tal-korp ta' leġiżlazzjoni eżistenti** fil-lingwi uffiċjali kollha.

Tisħiħ aħjar tal-Liġi Komunitarja, inkluż permezz ta' titjib fid-djalogu ma' Stati Membri biex tkun żgurata l-implimentazzjoni puntwali u effettiva u l-applikazzjoni ekwitabbli, tibqa' prijorità għall-Kummissjoni fl-2008, bħala prosegwiment minn Komunikazzjoni dwar l-applikazzjoni tal-Liġi Komunitarja li għandha tiġi adottata fl-2007.

## 2.7. Tisħiħ tal-Komunikazzjoni u l-Prijoritajiet tal-Komunikazzjoni għall-2008

Il-komunikazzjoni maċ-ċittadini dwar kwistjonijiet Ewropej tibqa' kariga ewlenija g ħall-Kummissjoni Ewropea fl-2008. Sforzi kontinwi jkunu ddedikati għal din il-karika mid-dipartimenti bbażati fi Brussell u mir-Rappreżentanzi kif ukoll mid-Delegazzjonijiet tal-Kummissjoni f'pajjiżi terzi.

Il-prijoritajiet ewlenin ta' komunikazzjoni għall-2008 għandhom jirriflettu l-prijoritajiet politiċi mfassla fl-Istrateġija Politika Annwali kif ukoll ir-riżultati ta' riċerki li jirriflettu l-interessi taċ-ċittadini u l-esperjenza reċenti miksuba dwar komunikazzjoni effettiva.

Riċerka reċenti turi li l-preokkupazzjonijiet ewlenin għaċ-ċittadini ta' l-UE huma d-**dimensjoni soċjali** ta' l-UE fil-kuntest ta' **globalizzazzjoni** (b'mod partikolari l-**impjiegi** u l-biża' mill-qgħad) kif ukoll il-**migrazzjon**i. L-interess fl-**enerġija u t-tibdil fil-klima** qed jiżdied. Ovvjament sfidi bħall-globalizzazzjoni u l-kisba ta' żvilupp sostenibbli fit-tliet dimensjonijiet (ekonomika, soċjali u ambjentali) iridu jkunu integrati fi kwalunkwe prijorità ta' komunikazzjoni.

L-esperjenza tal-passat għenet biex tidentifika l-elementi ewlenin għas-suċċess ta' strateġiji ta' komunikazzjoni:

- **Għażel kwistjonijiet speċifiċi** li magħhom iċ-ċittadin jista' jidentifika ruħu fa ċilment. L-Istituzzjonijiet Ewropej **għandhom ikollhom rwol iktar ċar** f'oqsma fejn jikkomunikaw.

- IL-komunikazzjoni għandha "**ssir lokali**" u l-messaġġ għandu jiġi adattat għal udjenzi, setturi jew pajjiżi differenti.

- **Pjanifikazzjoni u koordinazzjoni** siewja huma essenzjali

Fuq il-bażi ta' dak li ntqal, u l-prijoritajiet politiċi definiti fl-APS 2008, il-Kummissjoni għandha tikkonċentra l-isforzi tagħha fuq il-prijoritajiet ta' komunikazzjoni li ġejjin:

**Prijoritajiet ta' Komunikazzjoni maħsuba għall-2008**

- Ir-Reviżjoni tal-Baġit
- Ir-Reviżjoni tas-Suq Uniku
- L-Inventarju tar-Realtà Soċjali
- Il-Migrazzjoni
- L-Arranġament Istituzzjonali
- L-Enerġija u l-Bidla fil-Klima
- Ir-Rwol ta' l-UE fid-Dinja

Filwaqt li tikkonċentra l-isforzi u r-riżorsi fuq prijoritajiet ewlenin, il-Kummissjoni se tkompli ssegwi u ssaħħaħ l-isforzi tagħha biex ttejjeb il-komunikazzjoni ta' l-Ewropa fl-oqsma ta' politika kollha.

## 3. Parti II: Qafas ġenerali għal riżorsi umani u finanzjarji għall-2008

### 3.1. Riżorsi Umani

#### *3.1.1. Rinfurzar relatat mat-tkabbir*

Fuq il-bażi tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni, l-Awtorità Baġitarja approvat 3960 ri żorsi umani addizzjonali meħtieġa bejn l-2003 u l-2008 sabiex il-Kummissjoni tkun tista' testendi xogħolha għall-Istati Membri l-ġodda u tissodisfa r-responsabilitajiet istituzzjonali tagħha. Fl-2008 il-Kummissjoni se titlob l-aħħar 640 impjegat addizzjonali sabiex tilħaq il-veloċità ideali. Skond il-Komunikazzjoni tagħha dwar il-konsegwenzi ta' riżorsi umani fl-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija, evalwati għal 850 impjegat ġdid fuq il-perjodu bejn l-2006-2009, il-Kummissjoni qed titlob 250 post ġdid fl-2008. Ukoll għall-2008, il-Kummissjoni qed titlob 890 riżorsi umani addizzjonali biex tittratta l-estensjoni tal-ħidmiet tagħha wara t-tkabbir u biex issegwi l-erba' prijoritajiet ta' politika fejn jirrelataw ma' Unjoni mkabbra. Se ssegwi wkoll mil-qrib, matul is-sena, ir-reklutaġġ ta' ċittadini ta' l-Istati Membri l-ġodda sabiex tiżgura li l-għanjiet ta' reklutaġġ imfassla mill-Kummissjoni għall-UE-12 jintlaħqu mis-servizzi tagħha. L-allokazzjoni finali għas-servizzi għall-2008 jkunu riveduti fid-dawl tar-rendiment individwali tas-servizzi fl-ilħuq ta' dawn l-għanjiet fl-2007.

#### *3.1.2. Kontribuzzjoni għal Grupp Ċentrali*

Minbarra dawn il-pożizzjonijiet il-ġodda, il-Kummissjoni jeħtieġ li timmobilizza riżorsi addizzjonali biex timplimenta inizjattivi ta' prijorità li huma indipendenti mit-tkabbir. Fost dawn il-prijoritajiet, il-Kummissjoni għandha l-intenzjoni li tiftaħ u ttejjeb id-delegazzjonijiet u ssaħħaħ is-sistema eżistenti. Tingħata wkoll attenzjoni xierqa għal ħidmiet ta' verifika u dawk relatati mal-verifika fis-settur tar-riċerka. L-identifikazzjoni ta' prijoritajiet negattivi u l-iskop għal rijallokazzjoni interna kien element fundamentali fl-evalwazzjoni ta' kull domanda minn servizzi għal rizorsi ġodda. Il-Kummissjoni hija wkoll impenjata għar-rijallokazzjoni bejn servizzi u se tilħaq dan il-g ħan, bħal fis-snin ta' qabel, billi twaqqaf grupp ċentrali ta' rijallokazzjoni, li japplika g ħall-istaff kollu b'mod ġenerali u stabbilit fuq 1% ta' l-istaff. L-iffrankar tar-riżorsi umani li jirriżulta minn esternalizzazzjoni (aġenziji eżekuttivi) se jiġi wkoll rijallokati g ħall-prijoritajiet. Dawn ir-riżorsi se jiġu rijallokati għall-prijoritajiet identifikati f'din il-Komunikazzjoni u mill-awtorità baġitarja. Bħas-sena li għaddiet, il-Kummissjoni se tibqa' talloka postijiet fuq bażi ta' terminu qasir għall-xogħlijiet temporanji, li g ħandhom jikkontribwixxu għal allokazzjoni iktar flessibbli u dinamika fis-snin li ġejjin.

#### *3.1.3. Riżorsi umani addizzjonali li jridu jiġu allokati għall-erba' oqsma ta' prijorità*

It-tabella li tidher hawn taħt tiġbor ir-riżorsi umani mistennija li jkunu meħtieġa għat-tnedija ta' inizjattivi ġodda jew rinfurzar ta' attivitajiet li jkunu għaddejjin, bil-prijorità u skond is-sors.

**Tabella 1 - Allokazzjoni ta' Riżorsi Umani għall-prijoritajiet APS 2008**

| Prijoritajiet ta' APS fl-2008 | Riżorsi ġodda relatati mat-tkabbir | Tqassim mill-ġdid bejn id-dipartimenti | Tqassim mill-ġdid fi ħdan id-dipartimenti | Total ta' riżorsi umani disponibbli għall-prijoritajiet |
|---|---|---|---|---|
| 1. Prosperità | 123 | 46 | 53 | 222 |
| 2. Solidarjetà | 125 | 20 | 79 | 224 |
| 3. Sigurtà | 100 | 27 | 12 | 139 |
| 4. Projezzjoni esterna | 77 | 109 | 27 | 213 |
| Estensjoni ta' l-attivitajiet eżistenti f'Unjoni mkabbra (inkluż it-tmiem ta' attivitajiet ta' qabel l-adeżjoni) jew varjazzjoni oħra fil-piż tax-xogħol | 465 | 85 | 107 | 657 |
| TOTAL | 890 | 287 | 278 | 1 455 |

L-allokazzjoni ta' riżorsi ġodda relatati mat-tkabbir skond iż-żona ta' politika se tkun finalizzata matul il-preparazzjoni ta' l-Abbozz Preliminari tal-Baġit għall-2008, inkluża reviżjoni bejn karigi fl-istabbiliment u staff estern. Barra minn hekk, skond proposta tal-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni bdiet reviżjoni intermedja tar-riżorsi umani tagħha. Billi din l-istrateġija annwali ta' politika għall-2008 hija ffokata prinċipalment fuq ħtiġijiet relatati mat-tkabbir b'mod globali u fuq ir-rijallokazzjonijiet biex jiġu indirizzati l-bidliet politiċi mill-2007 sa' l-2008, ir-reviżjoni f'terminu medju għandha tiddefinixxi perspettivi għall-futur imma jista' jkollha impatt fuq l-allokazzjonijiet finali għall-2008. Bl-istess mod, uħud mill-postijiet għall-2008 se jiġu allokati biss għas-servizzi skond ir-riżultati ta' din ir-reviżjoni.

## 3.2. Tibdil fl-allokazzjoni ta' riżorsi finanzjarji

L-APS 2008 huwa t-tieni taħt il-qafas finanzjarju għall-2007-2013. Il-parti l-kbira ta' l-atti legali għall-programmi l-ġodda ġew adottati reċentament, u fejn meħtieġ il-programm finanzjarju (Mejju 2006) ġie aġġustat (Jannar 2007) biex jirrefletti l-bażi legali adottata. F'ċerti każijiet, l-adozzjoni finali għadha pendenti, u dan jista' jkollu effett fuq il-profil ta' l-infiq. Għalhekk, għall-2008, huwa possibbli li ċerti inizjattivi ji ġu antiċipati mingħajr ma jiġu affetwati l-marġini disponibbli taħt l-intestaturi baġitarji billi jiġu postiċipati dawk il-progammi li l-bidu tagħhom huwa aġġustat biex tittieħed

f'kunsiderazzjoni, b'mod partikolari, l-adozzjoni tardiva tal-bażijiet legali korrispondenti. It-tibdil fl-allokazzjoni tar-riżorsi finanzjarji mfassla hawn taħt jirriflettu l-prijoritajiet ta' l-2008.

**Tabella 2 - Tibdil f'riżorsi finanzjarji li jirriflettu il-prijoritajiet ta' l-2008 meta mqabbla mal-programmazzjoni finanzjarja 2008-2013(Ċifri proviżorji)**

| Tibdil indikattiv fir-Riżorsi Finanzjarji | | |
|---|---|---|
| ***Prijoritajiet fil-Qasam Politiku*** | *Approprazzjonijiet għall-impenji (f'miljuni ta' EUR)* | |
| | **2008** | **2009-2013** |
| ***Prijorità 1*** | | |
| Enerġija u Trasport: | 9.8 | 90.1 |
| ***Prijorità 2*** | | |
| L-Ambjent | 2.0 | 10.6 |
| ***Prijorità 3*** | | |
| Il-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja | 13.4 | 16.4 |
| ***Prijorità 4*** | | |
| Relazzjonijiet Esterni | 2.0 | 10.0 |
| L-Iżvilupp | 21.1 | 59.0 |
| **TOTAL** | **48.3** | **186.1** |

### 3.2.1. *Implikazzjonijiet finanzjarji tal- prijorità "Prosperità"*

L-Intestatura 1a, b'ammont totali pprogrammat għall-2008 ta' 9 776,4 miljun EUR, tinkludi l-programmi ewlenin għall-Istrateġija ta' Liżbona: il-programmi tar-Riċerka, it-Tagħlim tul il-Ħajja (LLL), il-Kompetittività u l-Innovazzjoni (CIP) u Sistema ta' Trasport Trans-Ewropea (TEN-T). Dawn il-programmi kollha jikkontribwixxu għal ekonomija Ewropea iktar dinamika u kompetittiva. Bl-eċċezzjoni ta' TEN-T, il-bażijiet legali korrispondenti kollha ġew adottati.

Fil-qasam tat-trasport, il-proposta ta' żieda fir-riżorsi finanzjarji għall-Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji (ERA), l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA), l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà fl-Avjazzjoni (EASA) u l-Awtorità ta' Superviżjoni Galileo (GSA) hija ta' 9,8 miljun EUR fl-2008. Madanakollu, dan jiġi parzjalemt ibbilanċjat bi tnaqqis fil-programm TEN-T, u b'hekk ma jkunx hemm tibdil fil-marġini disponibbli taħt l-Intestatura 1a. Is-sitwazzjoni ta' dawn l-aġenziji għall-perjodu 2009-2013 tiġi evalwata iktar tard.

### 3.2.2. *Implikazzjonijiet finanzjarji tal-prijorità "Solidarjetà"*

2 miljun EUR addizzjonali se jkunu pprogrammati taħt l-Intestatura 2 biex ikopru l-attivitajiet addizzjonali ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA), essenzjali għall-proviżjoni ta' informazzjoni puntwali u ta' min joqgħod fuqha bħala appoġġ għall-politika. L-attenzjoni tingħata għall-isfidi globali ta' monitoraġġ ta' xejriet fil-klima,

bijodiversità, u valutazzjoni ta' l-ekosistema, li l-Ewropa għandha tindirizza bħala prijorità. Inizjattivi oħra ta' l-Intestatura 2 ikunu ffinanzjati, jekk meħtieġ permezz ta' rijallokazzjonijiet, fi ħdan il-programm finanzjarju eżistenti.

### 3.2.3. *Implikazzjonijiet finanzjarji tal-prijorità "Sigurtà"*

L-inizjattiva ta' l-Intestatura 3a, "It-twaqqif ta' żona unika ta' ġustizzja fi kwistjonijiet kriminali u ċivili", tkun imsaħħa b'2,5 miljun EUR addizzjonali għal EUROJUST f'kull sena tal-programm finanzjarju 2008-2013. EUROJUST tistimola u ttejjeb il-koordinazzjoni ta' l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet bejn l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri, filwaqt li tħaddan l-iżvilupp ta' Żona Ewropea ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja. Dan jiġi bbilanċjat b'aġġustamenti 'l isfel fi programmi oħra taħt l-istess intestatura.

Bil-għan li tissaħħaħ l-inizjattiva "Il-ġestjoni tal-fruntieri komuni esterni", hija proposta żieda tar-riżorsi finanzjarji ta' l-Aġenzija FRONTEX ta' 10,9 miljun EUR fl-2008. Din iż-żieda li tmur oltre l-programm finanzjaru oriġinali tkun segwita minn iktar antiċipazzjoni fl-2009 u l-2010 ta' 6,9 miljun EUR u 7 miljun EUR rispettivament. Madanakollu, iż-żiediet 2009 u 2010 jiġu bbilanċjati b'ebda żieda fl-2011. Bħal fil-każ ta' EUROJUST, l-10,9 miljun EUR addizzjonali fl-2008 jinkisbu bl-aġġustament ta' l-ammonti għal dawk il-programmi li l-bidu tagħhom ġie diferit.

Fil-qasam tal-ġestjoni tal-funtieri esterni, il-Kummissjoni tibni fuq ir-riżultati ta' l-evlawazzjoni 2007 ta' l-aġenzija FRONTEX, li tinkludi l-possibbiltà tal-ħidmiet tagħha biex tkopri kwistjonijiet ta' sigurtà relatati ma' l-oġġetti, l-implimentazzjoni tal-Gruppi ta' Intervent Rapidu fil-Fruntieri, u t-tfassil ta' proposti ġodda għal iktar żvilupp ta' l-istrateġija integrata ta' ġestjoni tal-fruntieri. Bosta istrumenti fundamentali għandhom jiġu adottati fl-2007 u implimentati fl-2008: il-Kodiċi ta' Viżas, is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża u l-qafas legali ġdid għall-organizzazzjoni ta' servizzi konsulari għall-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għall-viża, li jeħtieġu rwol iktar attiv g ħall-Kummissjoni fil-qasam tal-kooperazzjoni konsulari lokali.

### 3.2.4. *Implikazzjonijiet finanzjarji tal-prijorità "Projezzjoni Esterna"*

Taħt l-Intestatura 4, Projezzjoni Esterna, hija proposta ż-żieda ta' 23,1 miljun EUR g ħall-programm finanzjarju 2008. Il-parti l-kbira ta' dan l-ammont, 19,5 miljun EUR, hija għal żewġ inizjattivi relatati mat-tibdil fil-klima u l-enerġija rinnovabbli, b'implikazzjonijiet multi-annwali, li kienu ppreżentati mill-Kummissjoni fil-Pakket dwar l-Enerġija u t-Tibdil fil-Klima f'Jannar 2007.

L-ewwel inizjattivi hija l-Alleanza Globali għall-Politika dwar il-Klima, li għandha l-g ħan li tappoġġja attivitajiet ta' adattament u mitigazzjoni fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. L-impenji inizjali taħt il-Protokoll ta' Kyoto jaslu fit-tmien tagħhom fl-2012 u iktar impenji jridu jiġu miftehma mill-komunità internazzjonali l-iktar tard sa' l-2009. Il-Kummissjoni fasslet proposta ambizzjuża biex tnaqqas l-emissjonijiet u tillimita ż-żieda fit-temperatura għal 2°C. Din il-proposta jkollha suċċess biss jekk l-għanjiet tag ħha huma komuni għall-ikbar maġġoranza possibbli tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Alleanza Globali għall-Politika dwar il-Klima tkompli f'din il-ħidma billi tibni koalizzjoni politika bejn l-UE u l-pajjiżi li qed jiżviluppaw, megħjuna minn riżorsi għal investimenti nazzjonali partikolarment fil-qasam ta' l-adattazzjoni. Pleġġ maħsuba ta'

50 miljun EUR tul il-perjodu 2008-2010 - inklużi l-10 miljun EUR fl-2008 - se taġixxi bħala katalista għal kontributi simili mill-Istati Membri ta' l-UE, li huma mistennija jiffinanzjaw l-ikbar parti ta' l-inizjattiva. Iktar kontributi u sinerġiji mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (EDF) għandhom jiġu kkunsidrati wkoll. Il-kontribut tal-Kummissjoni jkun f'forma ta' għotjiet.

It-tieni inizjattiva hija għat-tisħiħ tal-Fond Globali għall-Effiċjenza fl-Użu ta' l-Ener ġija u għall-Enerġija Rinnovabbli (GEEREF). GEEREF huwa mekkaniżmu pubbliku-privat innovattiv ta' finanzjament maħsub biex jimmobilizza finanzjament privat sinifikanti favur proġetti għal effiċjenza ta' l-enerġija u enerġija rinnovabbli fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw u f'ekonomiji li għaddejjin minn tranżizzjoni. Kontribut sinifikanti mill-baġit ta' l-UE huwa essenzjali biex jagħti bidu sod lill-finanzjament, u l-Kummissjoni pproponiet kontribut ta' 80 miljun EUR lill-GEEREF tul il-perjodu 2007-2010. Biex jintlaħqu dawn l-għanjiet, tliet ħlasijiet oħra ta' 9,5 miljun EUR kull wieħed jiżdiedu mal-programm finanzjarju oriġinali ta' l-GEEREF għall-2008-2010.

Il-fondi pprovduti taħt l-Alleanza Globali għall-Politika dwar il-Klima jikkumplimentaw il-finanzjament privat tal-GEEREF billi jħeġġu l-investiment pubbliku fl-adattament. Ir-riżorsi addizzjonali għaż-żewġ inizjattivi huma allokati għall-qasam politiku ta' "Żvilupp" taħt il-programm tematiku "Ambjent u ġestjoni sostenibbli ta' riżorsi naturali, inkluża l-enerġija" (ENRTP).

2 miljun EUR oħra huma allokati għall-inizjattiva "L-UE fid-Dinja: Lejn strateġija ta' komunikazzjoni għall-politika esterna/ barranija ta' l-Unjoni Ewropea, 2006-2009" (C(2006) 329). L-għan li jiżdied il-livell ta' l-għarfien u l-komprensjoni tal-politika esterna/ barranija ta' l-UE hija prijorità għolja għall-UE, kif imfassal fid-dokument strateġiku "L-Ewropa fid-Dinja" ippreżentat mill-Kunsill Ewropew f'Ġunju 2006. Din iż-żieda tiffaċilita l-estensjoni ta' l-attivitajiet kurrenti (iffokati prinċipalment fuq il-Politika Ewropea tal-Viċinat u l-CFSP/ESDP) biex tinkludi temi bħall-ġestjoni ta' kri żijiet u l-aspetti esterni tat-tibdil fil-klima u l-politika dwar l-enerġija.

1,6 miljun EUR oħra jingħataw għat-tisħiħ tar-riċerka u attivitajiet li jżidu l-għarfien li jgħinu biex jinfurmaw u jifformaw id-dibattitu ta' l-iżvilupp u t-tfassil ta' politika fil-livell Ewropew. Skond il-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp, il-Kummissjoni u l-Istati Membri se jiżviluppaw Sistema ta' Riċerka Ewropea bil-għan li jiżviluppaw ħila analitika bħala appoġġ għat-tfassil politiku dwar l-iżvilupp u, partikolarment, biex jag ħtu Rapport analitiku dwar l-Iżvilupp Ewropew mirfud sew. Iktar minn hekk, wara esperjenza pilota b'suċċess fl-2006 li għandha tiġi ripetuta fl-2007, issa hemm konsensus qawwi għat-twaqqif ta' Jiem Ewropej ta' Żvilupp bħala avveniment annwali ewlieni fl-aġenda ta' żvilupp ta' l-UE u internazzjonali, li jinvolvi l-partijiet interessati ewlenin fl-iżvilupp .

Fil-qasam ta' politika "Tassazzjoni u Unjoni Doganali", issir proviżjoni biex tappoġġja d-Djalogu Internazzjonali dwar it-Taxxa u biex tiżgura s-sħubija ta' l-UE fl-Organizzazzjoni Doganali Dinjija (WCO).

### 3.2.5. *Ġabra ta' tibdil fl-intitolament tal-qafas finanzjarju*

(f'miljuni ta' EUR)

| INTESTATURI | 2008 | | | Projezzjoni 2009-2013 | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Programmazzjoni inizjali* | Kambjamenti APS | Reviżjoni tal-Programmazzjoni | Programmazzjoni inizjali* | Kambjamenti APS | Reviżjoni tal-Programmazzjoni |
| ***1a. Il-Kompetittività għat-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi*** | | | | | | |
| Kwota FF - sottointestatura 1a | 9,847.0 | | 9,847.0 | 65,222.0 | | 65,222.0 |
| Sottointestatura totali 1a | 9,776.4 | 0.0 | 9,776.4 | 64,462.9 | 0.0 | 64,462.9 |
| *Marġini* | *70.6* | | *70.6* | *759.1* | | *759.1* |
| ***1b. Il-Koeżjoni għat-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi*** | | | | | | |
| Kwota FF - sottointestatura 1b | 46,888.8 | | 46,888.8 | 245,301.1 | | 245,301.1 |
| Sottointestatura totali 1b | 46,888.8 | 0.0 | 46,888.8 | 245,301.1 | 0.0 | 245,301.1 |
| *Marġini* | *0,0* | | *0.0* | *0.0* | | *0.0* |
| ***2. Konservazzjoni u ġestjoni ta' riżorsi naturali*** | | | | | | |
| Kwota FF - intestatura 2 | 58,800,0 | | 58,800.0 | 300,974.0 | | 300,974.0 |
| Total intestatura 2 | 58,742,8 | 2.0 | 58,744.8 | 300,639.5 | 10.6 | 300,650.1 |
| *Marġini* | *57.2* | | *55.2* | *334.5* | | *323.9* |
| ***3a. Il-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja*** | | | | | | |
| Kwota FF - intestatura 3a | 747.0 | | 747.0 | 6,170.0 | | 6,170.0 |
| Total intestatura 3a | 714.2 | 0.0 | 714.2 | 5,840.6 | 0.0 | 5,840.6 |
| *Marġini* | *32.8* | | *32.8* | *329.4* | | *329.4* |
| ***3b. Ċittadinanza*** | | | | | | |
| Kwota FF - intestatura 3b | 615.0 | | 615.0 | 3,416.0 | | 3,416.0 |
| Total intestatura 3b | 597.3 | 0.0 | 597.3 | 3,310.5 | 0.0 | 3,310.5 |
| *Marġini* | *17.7* | | *17.7* | *105.5* | | *105.5* |
| ***4. L-Ewropa bħala msieħba globali*** | | | | | | |
| Kwota FF - intestatura 4 | 7,002.0 | | 7,002.0 | 42,355.0 | | 42,355.0 |
| Total intestatura 4** | 6,644.8 | 23.1 | 6,667.9 | 41,080.4 | 70.0 | 41,150.4 |
| *Marġini* | *357.2* | | *334.1* | *1,274.6* | | *1,204.6* |

* Aġġornament
Jannar 2007.
** L-aġġustat biex jikkunsidra d-dħul fis-seħħ tal-mekkaniżmu ġdid ta' proviżjonament għall-Fond ta' Garanzija.

Kif spjegat hawn fuq, l-allokazzjoni ta' iktar riżorsi finanzjarji għal inizjattivi taħt l-Intestatura 1a u l-Intestatura 3a ma jkollhomx effet fuq il-marġini taħt dawn l-intestaturi, minħabba li ż-żiediet ikunu bbilanċjati bit-tnaqqis għal programmi oħra li l-implimentazzjoni tagħhom x'aktarx tiġi deferita għall-ewwel ftit snin.

Għall-Intestatura 2, il-marġini jonqos b'2 miljun EUR. M'hemx tibdil fil-programmazzjoni ta' l-Intestatura 3b.

Taħt l-Intestatura 4, prijoritajiet ġodda jeħtieġu tisħiħ ta' 23,1 miljun EUR fl-2008 li jridu jiġu kkonsolidati fis-snin sussegwenti b'70 miljun EUR ieħor. Madanakollu, wara tibdil fil-mod ta' proviżjonament tal-Fond ta' Garanzija għall-Azzjonijiet Esterni/Barranin[1], l-ebda proviżjonamenti ġodda ma jkunu meħtieġa mill-baġit ġenerali fl-2008. Il-200 miljun EUR maħsuba għal dan fil-programmazzjoni għalhekk isiru disponibbli. Ir-riżultat nett taż-żewġ kambjenti jħalli marġini ta' 334 miljun EUR, li jippermetti rispons adegwat għall-ħtiġijiet futuri, pereżempju f'dak li jirrigwarda r-riżultat tan-negozjati fl-istatus finali tal-Kosovo, u r-rwol sussegwenti ta' l-UE, u fir-rigward tal-Proċess tal-Paċi fil-Lvant Nofsani[2]. Skond l-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni internazzjonali fil-ġimgħat li ġejjin, jista' jkun hemm il-bżonn li iktar rikjesti jiġu inkorporati fl-Abbozz Preliminari tal-Baġit (PDB).

[1] Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 89/2007 tat-30 ta; Jannar 2007 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2728/94 li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni/barranin, ĠU L 22 tal-31 ta' Jannar 2007.

[2] L-ammonti mwegħda mill-Kummissjoni fil-Konferenza ta' Pariġi f'Jannar 2007 għar-rikostruzzjoni tal-Libanu huma koperti għal kollox mill-baġit programmat.